MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 370/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Martin Sammut)**
**(Spt. Louise Calleja)**
**Vs**
**John Paul Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala
Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-1 ta' Mejju, 2007, gewwa Plot 36, St. Rita,
Mons. Alfred Mifsud Street, Pembroke
1) b'eghmil zieni kkorrompa lil omissis, minuri ta' tmien snin, liema minuri gie fdata lilu, imqar ghal xi zmien, sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha;
2) bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il- Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil

omissis kontra l-volonta’ taghha u dan bhala mezz biex hi tigi mgieghla taghmel xi haga, jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

3) huwa kkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza datata 27 ta’ Novembru 2006 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

4) sar recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali billi kkommetta reat, wara diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 t’Ottubru, 2009, li biha, fuq l-istess ammissjoni tieghu w wara li rat l-Artikoli 203, bl-aggravhu kontemplat fl-artikoli 203(1)(a) u 1(c), l-Artikoli 28A sa H, 49 u 50 kollha taht il-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel, tat-tielet u tar-raba’ akkuza w ikkundannatu ghal tlett snin u tlett xhur prigunerija oltre sentejn prigunerija nflitta fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati per Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera tas-27 ta’ Novembru, 2006 – b’kollox hames snin u tlett xhur prigunerija, li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li l-appellant qatta f’arrest preventiv.
Ma sabitux hati tat-tieni akkuza li minnha lliberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 t’Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata bili minflok il-piena nflitta ghall-imputazzjonijiet li dwarhom huwa gie akkuzat, tapplika piena inferjuri li tkun iktar xierqa fic-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor jikkonsisti :-
Illi l-Ewwel Qorti filwaqt li wriet riluttanza sabiex tinfliggi piena karcerarja, esprimiet ruhha li ma kienx hemm cirkostanzi specjali li minhabba fihom hija setghet tinzel taht il-minimu tal-piena preskritta mill-ligi;

Illi dan kien kaz car fejn l-appellant kien afflitt minn episodju isolat, u aktarx ikkawzat minn stress u esposizzjoni ripetuta w kontinwi ghal xeni pornografici;
Illi rrizulta li l-appellant mill-ewwel ha passi sabiex inehhi dan il-perikolu minn hajtu, talab huwa stess l-ghajnuna psikologika anke meta kien taht arrest preventiv u minn rapport tal-psikologu li xehed quddiem l-Ewwel Qorti, jidher li dan mhux persuna li huwa ta’ perikolu, anzi huwa sensittiv u introvert u ghandu se mai bzonn ghajnuna li tghinu jesprimi ruhu w jivventila l-emozzjonijiet li jkun qed izomm go fih, u b’hekk itaffi l-effetti ta’ stress li jakkumulaw fih;
Illi rrizulta li l-appellant huwa awtokritiku w instab li kien qed juri sinjali ta’ depressjoni, kollox kif jirrizulta mir-rapport fil-process ta’ Bernard Caruana;
Illi dan kollu kien riskontrat mill-Ewwel Qorti izda din hasset li ma ngiebux quddiemha “fatturi specjali w straordinarji” rikjesti mill-ligi sabiex tkun tista’ tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Illi l-Ewwel Qorti in effetti kellha bizzejjed quddiemha sabiex tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 21 imsemmi, tenut kont ukoll konsiderazzjonijiet importanti bhal dik ta’ rimors li carament intwera mill-appellant, ic-cirkostanzi personali w familjari tieghu, w jekk il-htigijiet tas-socjeta’ huma moqdija ahjar b’piena karcerarja inkella bi provvedimenti li jassiguraw il-meljorament tal-appellant psikologikament bhala parti minn dik is-socjeta’ stess li huwa ingurja.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan huwa appell limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Illi l-princpju regolatur hu li Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun entro l-parametri tal-ligi w ma tkunx tidher li hi manifestament eccessiva.

Issa skond il-paragrafi (a) u ( c ) tal-proviso ghall-artikolu 203 (1) tal-Kodici Kriminali, l-piena ghar-reat ta’

korruzzjoni ta’ minorenni ta’ tmin snin minn persuna li l-minuri tkun fdata lilu, imqar ghal xi zmien, sabiex jiehu hsiebha, jindukraha jew izommha, hi dik ta’ prigunerija ghal zmien minn tlitt snin sa sitt snin. Inoltre, ladarba l-appellant instab hati ukoll tal-addebitu tar-recidiva, l-piena tista’ titla’ bi grad ghall-minimum ta’ erba snin u massimu ta’ disgha snin prigunerija. Ghalhekk il-piena ta’ tlitt snin u tlitt xhur prigunerija erogata ghar-reat li tieghu l-appellant instab hati mill-Ewwel Qorti zgur li ma tohrogx mill-parametri tal-ligi, anzi hija diga’ taht il-minimu taghha jekk wiehed japplika z-zieda bi grad fuq l-inqas piena possibbli skond l-artikolu 50 tal-Kap.9.

Ghal dak li jirrigwarda l-attivazzjoni tas-sentenza sospiza ta’ sentejn prigunerija, ftit hemm x’ wiehed jghid ladarba l-appellant instab hati tat-tielet imputazzjoni w cioe’ li kkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-periodu operattiv tas-sentenza sospiza tas-27 ta’ Novembru, 2006, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Illi mbaghad r-ragunijiet li adduca fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant biex jghid li l-Ewwel Qorti kellha tinzel taht il-minimum tal-piena preskritta mill-ligi bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, ma jreggux. Dawn fil-fehma ta’ din il-Qorti ma jirrijentrawx taht ***“ragunijiet specjali w straordinarji”*** li trid il-ligi biex tigi applikata piena inqas mill-minimum preskritt. Kieku kull min joqghod jara l-pornografija jkollu skuza biex umbaghad jimmolesta sesswalment it-tfal zghar, kieku s-socjeta’ verament tkun inqalbet ta’ taht fuq. Zgur li vizzju wiehed ma jistax iservi biex il-hati jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena ghal vizzju iehor li jkun ukoll reat kriminali. Anki jekk xi hadd ikun qieghed taht *“stress”* ta’ kwalsiasi xorta dan ma hux skuzanti jekk jikkorrompi t-tfal taht l-eta’. Jghid x’ jghid il-psikologu, dan ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta’ kriminali tal-appellant f’ dan il-kaz. Jekk umbaghad l-appellant ghax *“huwa awtokritiku”* qed “*juri sinjali ta’ depressjoni”,* dan mhu xejn insolitu f’ kazijiet ta’ persuni li jkunu qed jigu processati ghal reati kriminali gravi w qed jirrinfaccjaw il-konsegwenzi tal-eghmil taghhom.

Inoltre mill-ezami tal-fedina penali aggornata tal-appellant, jirrizulta li hu kien diga’ nstab hati mill-Qrati diversi drabi ta’ reati li jvarjaw minn serq aggravat u danni volontarji, falsifikazzjoni ta’ ismijiet (trade marks) u uzu w biegh ta’ prodotti b’ marki falsifikati, sewqan ta’ vettura bla licenzja, ta’ frodi bir-raggiri fl-ammont ta’ Lm2200.59 u falsifikar ta’ cedoli , poloz , eccetera.

Din il-Qorti, wara li qieset il-piena relattivament miti li giet erogata, l-kondotta refrattarja tal-appellant u l-gravita’ tar-reat li tieghu nstab hati, ma tara li hemm lok ghal ebda temperament fil-piena f' dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

Il-Qorti tordna li isem u l-konnotati tal-minuri ma jixxandrux mill-media f’ xi rapportagg ta’ dan il-kaz u lanqas fuq l-internet, u dan biex tigi protetta l-identita’ taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------